**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 52/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**vs**

**Mark Lawrence Rizzo**
**(ID 216383(M))**

**Illum, 29 ta' Settembru 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Mark Lawrence Rizzo**, bin Emmanuel u Doris Josephine nee` Spiteri, imwieled l-Ingilterra nhar it-8 ta' Lulju 1965 u joqgħod 4, Triq San Franġisk, Raħal il-Ġdid, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 216383(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, u ċioe` fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, nhar id-9 ta' Lulju 2008 għall-ħabta tal-11.00 a.m.:

a) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta; u/jew

b) Talli wkoll fid-9 ta' Lulju 2008 u matul il-ġranet ta' qabel, bħala persuna li mhux uffiċjal tal-ħabs jew persuna mpjegata fil-ħabs, mingħajr l-awtorita` leġittima, daħħal jew ipprova jdaħħal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett ikun li jkun li hu pprojbit skont xi regolamenti magħmula skont dan l-Att, jew ġarr jew ipprova jġorr f'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett bħal dak barra minn xi ħabs, u ċioe` xi mediċina perikoluża skont l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew mediċina li hi kkontrollata b'regolamenti magħmula taħt l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha;

c) Talli wkoll rrenda ruħu reċidiv għal sentenza li ġiet definittivament deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-27 ta' Frar 2008.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1], kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja[2];

Rat illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu[3];

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet ippreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti mill-Prosekuzzjoni fit-12 ta' Frar 2013;

Rat ukoll illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti permezz tal-assenjazzjoni tad-doveri tat-30 ta' April 2014;

Rat in oltre illi l-imputat deher għall-ewwel darba f'dawn il-proċeduri fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013[4] u li l-kawża bdiet tinstema' nhar is-27 ta' Ottubru 2014[5];

[1] Ara a fol. 2 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 13 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 19 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 14 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 18 tal-proċess.

Rat illi l-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2016[6], fil-waqt illi l-Qorti ddikjarat il-provi tad-difiża magħluqin fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2019[7];

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat li kienet qegħda tirrimetti ruħha għall-provi prodotti[8], fil-waqt illi fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2021, wara li l-Qorti rrilevat li kienet tat diversi opportunitajiet lid-difiża sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, liema sottomissjonijiet id-difiża baqgħet m'għamlithomx, il-Qorti vverbalizzat li kienet ser tgħaddi għas-sentenza[9].

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, <u>il-Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **ASCO David Scerri** xehed li ma kien jaf xejn dwar dan il-każ, minkejja li f'Lulju 2008 huwa kien jaħdem il-ħabs u jiftakar lill-imputat il-ħabs.[10] Fl-istess proċeduri, iżda f'seduta sussegwenti, l-istess xhud reġa' xehed illi huwa qatt ma kellu każijiet mal-imputat odjern u illi ma kien jaf xejn dwar dan il-każ.[11]

2. **Oriana Deguara**, Deputat Reġistratur, esebiet proċess verbal dwar sejba ta' droga fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin fid-9 ta' Lulju 2008.[12] Mill-istess proċess verbal jirriżulta illi l-Ispettur Frans Micallef għamel rapport lill-Maġistrat Inkwirenti (illum Imħallef) Dr. Anthony G. Vella – b'referenza għal dak li seħħ nhar id-9 ta' Lulju 2008 – wara li daħal rapport lill-Pulizija Eżekuttiva illi kienet instabet xi droga fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin. Skont l-istess rapport, minn indaġni li għamlet il-Pulizija rriżulta illi ċertu Mark Rizzo, residenti f'ċella numru 47, f'Diviżjoni 12, kellu fil-pussess tiegħu blokka tal-*cannabis*. Kien Rizzo stess li talab sabiex jgħaddi din is-sustanza lid-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, iżda meta ġie infurmat li d-Direttur ma kienx hemm, huwa ried jibla' din il-*cannabis*, għalkemm

[6] Ara a fol. 80 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 90 tal-proċess.
[8] Ara a fol. 94 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 97 tal-proċess.
[10] Ara a fol. 20 u 21 tal-proċess.
[11] Ara a fol. 61 u 62 tal-proċess.
[12] Ara dan il-proċess verbal esebit a fol. 25 tal-proċess.

sussegwentement huwa għaddiha lill-Maġġur Dennis Scerri u lil SRT Grezzju Attard.[13]

Mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut** esebita fil-proċess verbal tal-inkjesta dwar il-każ, jirriżulta illi huwa ngħata s-segwenti dokument għall-analiżi tiegħu: *envelope* kannella mmarkat bħala '9/07/08 Mark Rizzo Div XII cell 47 at 11:00am A/SCO D. Scerri A/SCO Cassar CO156' li fuqu hemm *sticker* bil-kliem "Laboratorju Nazzjonali ta' Malta Diviżjoni Forensika Deskrizzjoni tal-Esebit **tubu tal-plastik trasparenti li fih biċċa plastik trasparenti li kien fih is-sustanza ta' lewn kannella**. Kodiċi tal-Esebit **223_08_01**. Firma b'data **22/09/08**. Referenza tal-Laboratorju 223/08."

Illi mill-istess relazzjoni, jirriżulta illi l-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ikkonkluda illi fl-estratt meħud mis-sustanza ta' lewn kannella fl-imsemmi dokument instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-piż tas-sustanza kien ta' 0.95 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 11%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[14]

3. **L-Ispettur Spiridione Zammit** esebixxa r-rapport tal-Pulizija dwar dan il-każ[15], kif ukoll sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Frar 2008, fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Mark Lawrence Rizzo'[16].

4. **CO 156 Grezzju Attard** xehed illi huwa ma kien jaf xejn dwar dan il-każ.[17]

5. **PS 1495 Joseph Muscat** ikkonferma li huwa kien irrediġa r-rapport tal-Pulizija esebit preċedentement mill-Ispettur Spiridione Zammit u dan fid-dawl ta' dak li kien qal lilu l-Maġġur Dennis Cassar nhar id-9 ta' Lulju 2008, fis-sens illi ċertu priġunier ossia l-imputat odjern, kien talab lill-Maġġur Cassar sabiex ikellmu privatament. L-istess priġunier kien qal lil Cassar li kien irnexxielu jġib blokka tal-*cannabis* u li hu xtaq jgħaddiha lid-Direttur tal-Ħabs. Dejjem skont dak li ntqal lilu minn Cassar, id-Direttur dak il-ħin ma kienx preżenti u għalhekk Cassar talab lill-priġunier sabiex jagħtiha lilu, iżda

[13] Ara dan ir-rapport a fol. 30 tal-proċess.
[14] Ara din ir-relazzjoni a fol. 32 tal-proċess.
[15] Dan ir-rapport jinsab esebit a fol. 47 u 48 tal-proċess.
[16] Ara a fol. 72 *et seq* tal-proċess.
[17] Ara a fol. 49 sa 51 tal-proċess.

dan għall-ewwel ma riedx u qallu li jekk kien ser jgħid lil SRT b'dan kollu, kien ser jiblagħha. Skont ix-xhud, Cassar qallu li l-imputat ittieħed fil-kamra fejn isiru t-tfittxijiet u hemmhekk huwa għadda s-sustanza lill-Maġġur Dennis [iżjed tard ix-xhud isemmi lill-Maġġur Dennis Scerri], fil-presenza ta' SRT Grezzju Attard. Ix-xhud ikompli jgħid illi huwa stess tkellem mal-imputat, li dak il-ħin kien fi triqtu lejn l-isptar Monte Karmeli wara li ġie riferut hemmhekk mill-psikjatra Dr. Joseph Spiteri, u dan qallu li huwa kellu ftehim mad-Direttur tal-Ħabs sabiex jinfiltra ċertu priġunieri u jagħtih informazzjoni dwar minn fejn kienet qed tiġi d-droga u min kien qed iqassam id-droga fil-ħabs. Skont ix-xhud, l-imputat qallu illi huwa kien irnexxielu jagħmel dan, illi ried juri lid-Direttur li kien qed jagħmel xogħlu u ried ikun hu li jgħaddi s-sustanza lid-Direttur.[18]

6. **ASCO Dennis Cassar** xehed illi huwa qatt ma kellu każijiet ma' Mark Rizzo. Jgħid ukoll illi l-Maġġur Dennis Scerri ma kienx jeżisti u fil-ħabs kien hemm biss il-Maġġur David Scerri. Jgħid ukoll illi huwa qatt ma ħadem mal-Maġġur David Scerri u mal-SRT Grezzju Attard. Ċaħad li l-imputat qatt kien qallu li ried ikellmu fil-privat dwar xi droga jew li qatt kellmu fuq droga.[19]

Id-difiża baqgħet ma ressqitx provi f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi huwa evidenti mis-suespost illi fil-każ odjern, il-Prosekuzzjoni ma ġabitx provi fil-grad rikjest mil-liġi sabiex l-imputat jinstab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Fl-ewwel lok, CO 156 Grezzju Attard u l-Maġġur Dennis Cassar, li skont ir-rapport tal-Pulizija redatt minn PC 1495 Joseph Muscat, kienu nvoluti fil-każ odjern, xehdu li ma kienu jafu xejn dwar dan il-każ, bil-Maġġur Dennis Cassar addirittura jgħid illi l-imputat qatt ma kellmu dwar droga. Fit-tieni lok, minkejja li r-rapport tal-Ispettur Frans Micallef lill-Maġistrat Inkwirenti[20] jindika illi d-droga in kwistjoni ġiet mgħoddija mill-imputat lill-Maġġur Dennis Scerri, kif jindika wkoll ir-rapport ta' PS 1495, jirriżulta illi fil-ħabs, fiż-żmien tal-każ, ma kien hemm l-ebda Maġġur Dennis Scerri, iżda David Scerri, li wkoll xehed illi ma kien jaf xejn dwar dan il-każ. Fit-tielet lok, dak li xehed PS 1495 Joseph Muscat dwar dak li allegatament qallu l-Maġġur Dennis Cassar, huwa interament *detto del detto* u għalhekk inammissibbli bħala prova u in kwantu għal dik il-parti li fiha l-istess PS 1495 jixhed dwar dak li qallu direttament l-imputat, tenut kont li dan kollu

[18] Ara din ix-xhieda a fol. 52 sa 60 tal-proċess.
[19] Ara a fol. 64 sa 68 tal-proċess.
[20] Ta' min jgħid illi l-Ispettur Frans Micallef baqa' ma kkonfermax ir-rapport tiegħu bil-ġurament quddiem din il-Qorti.

allegatament seħħ fid-9 ta’ Lulju 2008, kif ukoll illi la jirriżulta illi l-imputat ingħata xi twissija li kellu d-dritt tas-silenzju u li dak li jgħid jista’ jintuża bħala prova, u wisq inqas illi huwa ngħata xi dritt li jottjeni parir legali qabel jiġi mitkellem jew li jkun assistit minn avukat, stante li dawn l-aħħar drittijiet għall-għajnuna legali lanqas kienu viġenti fil-liġi tagħna fiż-żmien tal-każ odjern, il-Qorti m’hijiex qegħda tqis din il-parti tax-xhieda ta’ PS 1495 bħala prova ammissibbli f’dawn il-proċeduri.

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi tqis illi huwa ferm preokkupanti kif ħadd mill-Uffiċjali tal-Ħabs indikati fir-rapport ta’ PS 1495 Joseph Muscat ma jiftakar xejn dwar il-każ odjern u dan minkejja illi l-każ seħħ diversi snin qabel ma xehdu fil-proċeduri odjerni, wara li l-Uffiċjal Prosekutur f’dan il-każ dam kważi ħames snin sabiex intavola ċ-ċitazzjoni odjerna fir-Reġistru tal-Qorti.

Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet (a) u (b) ma jirriżultawx sodisfaċentement ippruvati. La darba mhux qed tinstab reita` fl-imputat odjern dwar l-imsemmija imputazzjonijiet, lanqas ma jista’ l-istess imputat jinstab ħati tal-addebitu tar-reċidiva.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga formanti parti mill-proċess verbal esebit fl-atti ta’ dawn il-proċeduri u mmarkat bħala Dok. OD, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta’ din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna li vera kopja ta’ din is-sentenza tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi għall-attenzjoni tagħhom.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat